

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1862

tas-16 ta' Ottubru 2017

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 li jstabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 38(d) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 ⁽²⁾ jistipula perjodu biex il-korpi ta' kontroll u l-awtoritajiet ta' kontroll jissottomettu t-talba tagħhom għal rikonoxximent bi skop tal-importazzjoni ta' prodotti konformi mal-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007. Minħabba li għadha qed tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-importazzjoni tal-prodotti konformi u minħabba li għadhom qed jiġu żviluppati l-linji gwida, il-mudelli, il-kwestjonarji u s-sistema ta' trażmissjoni elettronika meħtieġa relatati, għandha tittawwal l-iskadenza biex il-korpi ta' kontroll u l-awtoritajiet ta' kontroll jippreżentaw it-talbiet tagħhom.
- (2) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regulatorju għall-produzzjoni organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 id-data "il-31 ta' Ottubru 2017" tinbidel u ssir "il-31 ta' Ottubru 2018".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 189, 20.7.2007, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jstabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠUL 334, 12.12.2008, p. 25).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ottubru 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER
